MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Numru 439/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**vs**

**Charles (Carmelo) Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charles (Carmelo) Aquilina ta' 34 sena, iben Joseph u Luigia nee Pace, imwieled Pieta' fid-29 ta' Lulju 1969 u joqghod

gewwa Jasmine, Triq il-Merhba, Fgura. Numru ta' l-identita 361469(M).

Billi gie akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, partikolarment fis-Swieqi u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-4 u 5 ta' Gunju 2004 u matul ix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' barranin,

2) Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali,

3) Talli bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond bin-numru 10, Triq il-Qasam, Swieqi, xjentament ta b'kiri, jew ipermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni;

Talli fil-5 ta' Gunju 2004 u fil-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pusses jew kontroll tieghu gewwa l-fond Jasmine, Triq il-Merhba, Fgura, arma tan-nar (pistola) ghamla Sundance Industries (Valencia C.A. USA) bin-numru serjali 034764 u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 7 ta' Marzu, 2005 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni lil-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta tat-30 ta' April, 2008 l-imputat fil-prezenza ta' l-Avukat Difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar il-piena.

Rat l-artikoli 7, 8, 9, 10 u 12 tal-Kap. 63, l-artikoli 3, 19, 26 u 27 tal-Kap. 66 u l-artikoli 20, 17(b), 23, 30 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Charles (Carmelo) Aquilina, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Charles (Carmelo) Aquilina ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tmien mija u hmistax Euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 815.28) multa ekwivalenti ghall-tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm350) u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mill-lum l-imputat Charles (Carmelo) Aquilina jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Charles (Carmelo) Aquilina sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' mitejn u hamsin Euro u disa' u sittin centezmi ta' Euro (Euro 250.69) ekwivalenti ghall-mija u seba' Liri Maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm 107.62) rappresentatni spejjes inkorsi f'din l-kawza rigward il-hatra bhala espert ta' Martin Bajada.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok. RA, Dok FJP1, Dok ACP1 u Dok ACP2.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Charles (Carmelo) Aquilina l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------